MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2007

Numru. 687/2007

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
SPETTUR CARMELO ABDILLA
VS
DIA MANDIONE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Dia Mandione, iben Mamadou u Khadi nee' Lo, Senegalaise, imwieled Pikine fit-13 ta' Frar 1963, u detentur tal-passaport numru 10170883/Sen6302131, u residenti 73, Mario Flats, No 5, Triq Guljus Centurjun, Bugibba, St Paul's Bay, u akkuzat talli nhar it-Tnejn 13 t'Awissu 2007 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-Bajja ta' San Gorg gewwa San Giljan, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew

xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ trademark registrata.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 5) u tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 3).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 298(1)(a)(c)(d)(f) u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn. In oltre, din il-Qorti tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti skond il-Ligi.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt illi huwa 'a first offender'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------